MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1099/2002

**Astro Shop Limited.**

**-vs-**

**Bank of Valletta Plc.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 t' Ottubru, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici incidentalment giet ghal konoxxenza tal-fatt illi kellha is-somma ta' mija u hamsin elf Euro (150.00 Euro) iddepozitati f' kont bankarju mal-Bank of

Valletta p.l.c., Lascaris Branch Valletta li jgib in-numru 12001586045 mirhuna ghal favur tas-socjeta’ konvenuta sabiex jaghmlu tajjeb ghal dejn ta’ certu Gianpaolo Capelli;

Illi permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Settembru 2002, liema ittra giet ikkupjata ukoll lis-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta infurmat lil Gianpaolo Capelli illi f’ kaz illi ma’ jersaqx ghall-hlas tad-debitu minnhu dovuti fi zmien jumejn mid-data tal-istess ittra l-istess socjeta’ konvenuta kienet ser tghaddi sabiex tillikwida il-fondi tas-socjeta’ attrici mirhuna ghal favur tas-socjeta’ konvenuta;

Illi l-allegat rahan li ghab-bazi tieghu is-socjeta’ konvenuta qed tivvanta il-pretensjonijiet taghha huwa null u bla effett, u dana kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

Illi s-socjeta’ konvenut qed izzomm fil-pussess taghha is-somma ta’ mija u hamsin elf Euro (150,000) ekwivalenti ghal wiehed u sittin elf Liri Maltin (Lm61,000) u dana b’ mod abbusiv u minghajr titolu validu fil-ligi;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-rahan li ghab-bazi tieghu s-socjeta’ konvenuta qed tivvanta il-pretensjonijiet taghha huwa null u bla effett;

2. tordna lis-socjeta’ konvenuta tirrilaxxa ghal favur ta’ jew tirrifondi lis-socjeta’ attrici l-flus minnha mizmuma b’ mod abbuziv u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba l-agir tas-socjeta’ konvenut, ollorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi;

4. tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma hekk likwidata in linja ta’ danni;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Giorgio Visintini I.D. 23411 (A) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fl-20 ta’ Jannar, 2003 li permezz taghha l-Bank attur ecepixxa:

1. Illi, preliminarjament ic-Citazzjoni hija nulla peress illi hija kompletament nieqsa minn tifsira cara u sewwa ta’ l-oggett u raguni tat-talba. Minn imkien ma tirrizulta fl-istess Citazzjoni xi raguni li fuqha is-socjeta’ attrici qed tibbaza n-nullita’ tar-rahan.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, imma wkoll in via preliminari, it-tieni talba attrici hija nulla u inamissibbli stante illi la hija preceduta b’ talba dikjaratorja illi xi flus effettivament qed jinzammu b’ mod abbuziv u minghajr ebda titolu validu fil-ligi mill-eccipjenti u lanqas ma tispecifika ghall-liema flus qed tirriferixxi l-istess attrici fl-istess talba taghha.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniji precedenti, imma wkoll in via preliminari, it-tielet u r-raba talbiet attrici huma nulli, irriti u inamissibbli stante illi ma humiex preceduti b’ talba ghall-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghad-danni u minn imkien, lanqas fil-premessi ta’ l-istess Citazzjoni, ma hemm l-icken menzjoni ta’ l-oggett u r-raguni tad-danni reklamati.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniji precedenti, imma wkoll in via preliminari, jekk is-socjeta’ attrici soffriet

xi pregudizzju minhabba l-operat ta' l-imsemmi Capelli hija kellha tidderigi l-pretensjoni taghha kontra l-imsemmi Capelli bhala dirigent taghha u s-socjeta' konvenuta bhala t-terza persuna ma hijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, imma wkoll in via preliminari, jekk is-socjeta' attrici qed tattakka ir-rahan kostitwit minnha ghad-debiti ta' Gianpaolo Capelli, l-eccipjenti teccepixxi wkoll illi l-gudizzju mhuwiex integru stante illi fil-gudizzju kellu jigi ngunt ukoll l-imsemmi Gianpaolo Capelli.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-meritu ghalhekk is-socjeta' eccipjenti teccepixxi illi r-rahan kostitwit mis-socjeta' attrici Astro Shop Limited favur is-socjeta' konvenuta sabiex tiggarantixxi d-djun ta' Gianpaolo Capelli ghandu pjen validita' u li s-socjeta' eccipjenti ma hi qed izzomm fil-pussess taghha l-ebda somma ta' flus b' mod abbuziv u minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahluf mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat id-diversi rikorsi u noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Bank konvenut qed jecepixxi n-nullita tac-citazzjoni stante li l-istess Citazzjoni hija nieqsa minn tifsira cara u sewwa ta' l-oggett

u r-raguni ghat-talba. Fil-verita s-socjeta' attrici in segwitu ghan-nota tal-eccezzjonijiet ippresentat nota fejn spjegat it-talba taghha; ghal dan is-socjeta' konvenuta opponiet ghaliex sostniet li dan ma setax isir, anzi talbet l-isfilz tal-istess nota. Il-Qorti mhijiex se terga tidhol fil-meritu jekk in-nota ghandhiex tigi sfilzata izda thoss li ma hemm xejn hazin li l-attur jipprezenta nota biex ifiehem x' qed jitlob pero' dan b' daqshekk ma jfissirx li l-istess attur ikun qed jikkoregi c-citazzjoni ghaliex dan jista' biss jsir bl-awtorizazzjoni tal-Qorti fuq talba tieghu stess. Fil-fatt permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Ottubru, 2003 il-Qorti cahdet t-talba ghall-isfilz. Il-konvenuti regghu pprezentaw rikors f' dan is-sens izda a skans ta' ekwivoci, il-Qorti qieghdha presenzjalment tichdu ukoll. Ghalhekk issa se tghaddi biex tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tan-nullita'.

Il-Kodici tal-Procedura jindika li c-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni ghat-talba. Dan ghal zewg ragunijiet principali; l-ewwelnett biex il-konvenut ikun f' posizzjoni illi jiddefendi ruhu skond it-talba u it-tieni biex il-Qorti tkun taf ezatt x' inhi t-talba u x' qed jintalab minnha biex tiddeciedi.

F' din il-kawza hu minnu li s-socjeta' attrici ma' indikatx ir-raguni ghaliex, skond hi, ir-rahan in kwistjoni hu null. Qalet biss li dan ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza. Dan certament mhux il-mod kif isiru c-citazzjonijiet u min jallega n-nullita' ta' kuntratt ghandu jghid car u tond ir-raguni ghaliex hemm nullita'. Kif gia inghad dan ghandu jsir l-iktar biex il-konvenut ikun f' posizzjoni li jintavola l-eccezzjonijiet li jhoss li ghandu jaghmel u mhux f' posizzjoni li ma' jistax jiddefendi ruhu adegwatament. Kif intqal fis-sentenza citata mill-istess atturi "KB Estates Limited –vs- Silvio Felice Limited" (Deciza fit-13 ta' Marzu, 2003).

*Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li talba tkun imfassla b' mod tali li persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsira*

*ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu innifsu mit-talba ta' l-attur.*

Filwaqt li ma' jistax jinghad li l-intenzjoni tal-atturi mhijiex cara l-Qorti tissimpatizza mal-fatt li jekk ma' jkunx hemm indikazzjoni ghaliex qed tigi allegata n-nullita' jkun difficli ghall-konvenuti li jiddefendu ruhhom kif suppost. Lanqas l-attur ma' jista' permezz ta' xi nota spjegattiva, jissana s-sitwazzjoni daqshekk facilment, anke jekk din l-Qorti ppermettiet lill-atturi jippresentaw tali nota. Dan b' ebda mod ma jfisser li c-citazzjoni giet korretta u d-deficjenza taghha ssanata.

Fl-istess hin sewwa qalu l-atturi li l-Qrati taghna f' dawn l-ahhar snin inqas kienu propensi illi jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta' xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Certament il-Qrati f' dan l-aspett izommu f' mohhom ukoll il-fatt li l-ispejjez tal-kawzi llum ma humhiex zghar u forsi ma' jkunx gust li jigu annullati kawzi minhabba difett fic-citazzjoni. Biss dan ma' jfissirx lanqas li wiehed ghandu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej, ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u mhijiex qieghdha hemm ghalxejn. Fuq kollox l-attur ghandu dejjem il-vantagg li jimposta l-kawza hu u ghalhekk hu gust li l-konvenut ikun jaf tajjeb mill-bidu fuq liema binarju l-istess kawza tkun impostata.

Madankollu, in konkluzzjoni, il-Qorti thoss li filwaqt li ma' tistax ma tibbjasimax lill-attur ghal mod kif giet formolata c-citazzjoni ma' thossx li ghandha tiddikjara nulla c-citazzjoni ghar-ragunijiet imsemmija u anke' in vista tal-vatt li l-legislatur fis-snin ricenti indika kjarament li l-kawzi ma ghandhomx jitwaqqfu minhabba dawn it-tip ta' difetti, izda fl-istess waqt taghmilha cara li l-konvenut ghandu jigi moghti d-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk ihoss il-bzonn.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni l-Qorti ma' thossx li din hija fondata ghaliex il-Qrati rritenew f' dan l-ahhar snin li t-

talba dikjaratorja mhijiex daqshekk tassattiva una volta c-citazzjoni tindika car u tond x' qed jitlob l-attur.  (Ara per ezempju s-

sentenza *"Oreste Gatt –vs- Domenic Cutajar" deciza b' mod preliminari fl-2002 u ghadha pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili).*

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet u tordna t-tkomplija tal-kawza, izda l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------